

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

21. Jiddispijaċi li l-proposta tal-Kummissjoni ma tispjegax jekk in-Nokia kinitx involuta fil-ħolqien tal-pakkett ta' servizzi u fil-kofinanzjament possibbli tal-miżuri;
22. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**ANNESS****DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/006 FI/Nokia Salo mill-Finlandja).**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/19/UE.)*

---

P7\_TA(2012)0494

**L-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar L-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità (COM(2011)0335 – C7-0155/2011 – 2011/0146(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/42)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0335),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0155/2011),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0365/2012),
1. Jiċċad il-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha u biex tiegħu l-miżuri neċessarji flimkien mal-Parlament biex tippreżenta waħda ġdida;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.